**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 138/20**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**-Vs-**

**OMAR CALLEJA**
**(ID: 111788M)**

**Illum, 30 ta' Marzu 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **OMAR CALLEJA,** detentur tal-karta tal-identita 111788(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli b`diversi atti maghmulin mill-istess imputat, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar id-29 ta' Marzu 2020 ghal-habta ta' 03:23 ta' filghodu minn gewwa l-Blue Bar, Triq J. Borg, Msida ikkometta serq ta' *flus kontanti* u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Carmel Zahra u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-mezz;

2. Nhar id-29 ta' Marzu 2020 ghal-habta ta 09:45 ta' filghodu minn gewwa l-Blue Bar, Triq J. Borg, Msida ikkometta serq ta' *flus kontanti* u/jew ogetti ohra ghad-detriment ta' Carmel Zahra u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz.

Il-Qorti hija mitluba li titratta mal-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjuba hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Rat illi fit-30 ta' Marzu 2020, l-Ufficjal Prosekutur qara l-akkuzi u konfermahom bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi l-Qorti fattwalment issospendiet il-prezentata sabiex taghtih zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li spjegatlu n-natura u s-serjeta` tal-reati li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli ghal kull wahda.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi. Ghalkemm huwa minnu illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, jirrizulta mis-sottomissjonijiet li saru waqt it-trattazzjoni sija mill-Prosekuzzjoni u sija wkoll mid-difiza, illi l-imputat jinsab mahkum mill-uzu tad-droga eroina u evidentement inqabad fil-*vicious circle* klassiku ta' min issokkomba ghall-vizzju tad-droga, cioe` li jisraq minghand haddiehor biex ikompli jsostni l-vizzju tieghu u sahanistra biex jghajjex lilu nnifsu. Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li evidentement huwa veteran tal-kriminalita` ghaliex jirrizulta li diversi drabi nstab hati ta' reati ta' serq proprju kif jerga' jinsab mixli llum. Tosserva wkoll illi matul is-snin, l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti biex jirriforma ruhu izda ghalkemm inghata sanzjonijiet komunitarji u tqieghed taht Ordni ta' Probation ripetutament, huwa manifest illi l-imputat ma fehemx l-import taghhom u minflok ra kif ghamel biex jaqbad it-triq tar-rijabilitazzjoni, kompla jghix hajja ta' kriminalita`. Tant hu hekk illi mill-istess fedina penali jirrizulta illi f'Ottubru tas-sena l-ohra, 2019, l-imputat gie kkundannat *inter alia* tlettax-il xahar prigunerija fuq attentat ta' serq izda minflok ma rrijabilita ruhu baqa' mahkum mill-vizzju tad-droga tant illi spicca mixli bl-akkuzi odjerni proprju minhabba dan l-istess vizzju.

Minn dan kollu l-Qorti m'hijiex konvinta illi l-imputat huwa kandidat eligibbli ghal sanzjoni fil-komunita` u hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena karcerarja effettiva izda fl-istess waqt, tqis li l-imputat ghandu jkompli jinghata t-trattament mehtieg ghall-kura tal-problema tad-droga sabiex jista' jeghleb dan il-vizzju darba ghal dejjem.

Ghall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset illi l-piena ghar-reat ta' serq aggravat kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni, hija ta' prigunerija ghal terminu li ma jistax ikun inqas minn sittax (16)-il xahar u dan skont il-provvedimenti tal-Artikolu 278(2) tal-Kapitolu 9, filwaqt li ghar-reat ta' serq aggravat addebitat fit-tieni imputazzjoni il-piena hija ta' mhux inqas minn hames (5) xhur skont l-Artikolu 278(1) tal-istess Kap. 9. Izda hawnhekk il-Qorti tosserva illi l-imputazzjonjiet gew redatti b'mod illi r-reati ghandhom jitqiesu bhala reat wiehed, ossia reat kontinwat, b'applikazzjoni tal-Artikolu 18.

L-imputat ammetta wkoll ghall-addebitu tar-recidiva u l-Qorti wara li rat l-atti tqis illi l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 kif ukoll l-Artikolu 289 tal-Kap. 9.

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat, huma reati gravi li ma jimmeritawx iktar l-ghoti ta' sanzjoni fil-komunita` izda jimmeritaw piena ta' prigunerija. Il-vizzju tad-droga m'huwiex u ma jistax iservi bhala skuzanti specjalment meta huwa evidenti illi s-sanzjonijiet komunitarji li nghataw lill-imputat fil-passat ma kienux effettivi. Madanakollu, huwa minnu wkoll li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna, u mit-trattazzjoni l-Qorti fehmet li huwa jaghraf il-htiega li jinghata l-kura u huwa dispost li josserva programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, l-azzjonijiet kriminali ripetuti tal-imputat u l-gravita` taghhom fil-kaz partikolari tal-lum. Il-Qorti qieghda tiehu in konsiderazzjoni wkoll illi sija l-Prosekuzzjoni u sija d-difiza issottomettew illi l-piena ghandha toqrob lejn il-minimum.

Dan kollu jfisser illi l-piena kalibrata kif fuq premess kif ukoll bl-applikazzjoni tal-kuncett tar-reat kontinwat, hija ta' prigunerija ghal ghoxrin xahar. Maghdud dan, sabiex tista' tigi assigurata r-rijabilitazzjoni tal-imputat, il-Qorti tqis li ghandha tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament kontestwalment ma' din is-sentenza.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 49, 50, 261(b)(f), 263, 264, 270, 278(1)(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fuq ammissjoni qieghda ssib lil OMAR CALLEJA hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna wkoll l-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-hati OMAR CALLEJA ghal zmien tliet (3) snin, u dan bil-ghan illi jeghleb il-vizzju tad-droga.**

**Il-Qorti tordna illi l-Ordni ta' Trattament jigi notifikat lid-Direttur tal-Habs ghall-fini tal-implementazzjoni tieghu sabiex il-hati jinghata t-trattament mehtieg skont l-istess Ordni.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**